TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 20/19/B

Anthony Muscat
Vs
Felix 4 mobiles - Felix u Antoinette Schembri

Illum, 6 ta' Lulju, 2020

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrentiipprezentat fid-19 ta' Frar 2019 li permezz tieghu talab rifuzjoni tal-prezz mhallas fl-ammont ta' mitejn u tletin Euro (€230) rapprezentanti prezz mhallas ghal Samsung J7 Prime li ma kienx qed jiiffunzjona tajjeb;

Ra illi l-s-socjeta' intimata baqghet ma ntavolatx risposta bil-miktub ghal din it-talba pero attenda ghas-seduta quddiem it-Tribunal u kkontesta t-talba maghmula mir-rikorrenti

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ra r-rapport tal-espert Dr Martin Bajada datat8 ta' Lulju 2019

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti kien xtara minghand l-intimat mobile phone tal-ghamla Samsung J7 Prime nhar 18 ta' Dicembru 2017. Huwa xehed illi kellu jiehu lmobile diversi drabi ghand l-intimt peress illi ma kienx qed jiffunzjona tajjeb. Illi l-problema kompliet tippersisti (ossija illi waqt telefonata l-persuna ma tkunx tista tisma lir-rikorrenti jitkellem), Illi fl-ahhar l-intimat informa lirrikorrenti illi l-mobile kellu hsara peress illi allegatament ir-rikorrenti kien xarrab l-istess mobile.

Illi r-rikorrenti negga' bil-qawwa illi huwa f'xi hin qatt xarrab l-istess mobile tant illi waqt is-seduta ta' 6 ta' Mejju 2019 il-partiejit qablu sabiex l-istess mobile phone jigi ezaminat minn l-espert, Dr. Martin Bajada.

Illi t-Tribunal ikkunsidra illi l-pern tal-kawza odjerna jirrigwardja il-fatt talhsara tal-mobile phone. Ir-rikorrenti jikkontendi illi l-hsara fil-mobile hija rizultanti minn difett fl-istess prodott filwaqt li l-initmat jilqa' ghal tali talba billi jikkontesta illi l-hsara hija rizultanti minn difett tal-mobile izda rizultanti direttament minn ghemil tar-rikorrenti u cioe' illi huwa xarrab l-istess mobile bil-konsegwenza illi ma baqax jiffunzjona.

Illi t-Tribunal ikkonsidra b'reqqa ir-relazzjoni tal-Espert Dr Martin Bajada illi irrileva:

*"i. Li hemm sinjali ta' Liquid Spots kif indikat fl-immagni numru 1 annessa ii. Li hemm ukoll sinjali estensivi li dan ic-cellulari nfetah u l-ftuh ma sarx skond issengha u l-arti "* [1]

Illi l-konkluzjoni tal-Espert mahtur mit-Tribunal ma thalli l-ebda dubju dan dan peress illi jattribwixxi illi l-liquid spots huma rizultanti minn ftuh talmobile phone illi ma Sarx skont is-sengha u l-arti: "Illi, hija l-opinjoni talesponnet ~~li l-hsara~~ fuq ic-cellulari SAMSUNG J7 Prime u cioe' Liquid Spots hija kagun ta' ftuh li ma Sarx skont is-sengha u l-arti kif ukoll liquid residue li jinsabu fuq l-earpiece".

Illi l-gurisprudenza tal-Qrati taghna kemm il-darba sehqu illi filwaqt li l-Qorti (f'dan il-kaz Tribunal) mhux marbut jaccetta l-konkluzjoni teknika pero lanqas tista tvarja tali konvizzjoni b'mod legger, tant illi fil-kawza 'John Mifsud et vs John Giordemaina' moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti datata 23 t' April 2012, l-Onorabbli Qorti ddeterminat:

*"In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l- konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il- konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l- opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu rivy mill-konsiderazzjoni ta` laspett tekniku tal-materja that ezami ("Grima vs Mamo et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)"*

Illi ghal l-aspett tekniku illi jirrizulta minn din il-kawza, dan it-Tribunal qed joqghod fuq ir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada u ghalhekk il-liquid spot residue ma tistax tigi attribwita lir-rikorrenti izda lil intimat illi kien responsabbli li jiftah l-istess mobile skont is-sengha u l-arti.

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti u r-rapport tal-espert jikkonkludi illi t-talba tar-rrikorrenti haqqa tigi milqugha.

Ara Rapport tal-Espert Dr. Martin Bajada, pagna 21

DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u tletin Euro (€230) b'dana pero illi lintimat jkollu d-dritt wara l-hlas li jerga jigbor l-mobile in kwistjoni.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-initmat

Avv. Paul Borg
Arbitru